Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 306/2015

Il-Pulizja

Spettur Jesmond Borg

Vs

Reno Azzopardi

Omissis

Omissis

Jesmond Haidon

Omissis

Illum 28 ta' Frar, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Reno Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 457084M, Carmelo Cutajar detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 395448M, Jesmond Haidon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 70471M, *Omissis*, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Ottubru, 2010 b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

Nhar id-29 ta' Ottubru, 2010 ghall-habta tad-9.30 ta' filghaxija, filwaqt illi kienu fir-

residenza li tinsab fil-fond numru 83, Triq Abram Gatt, gewwa Bormla, u aktar tard, filwaqt illi kienu qeghdin isuqu minn Bormla lejn l-Imisida u kienu fl-istess inhawi tal-Imsida, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arrestaw, zammu, jew issekwestraw il-persuna ta' Rita Agius mill-Kalkara, kontra l-volonta' taghha, jew taw il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, waqt liema delitt heddewha li joqtluha jew jaghmlulha offiza fuq il-persuna taghha, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, gabu ruhhom b'tali mod li kkagunaw lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza, u dan bi ksur tal-Artikolu 251(B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, inguraw u heddu lil Rita Agius, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, qalu fil-pubbliku kliem oxxen u ndecenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, cioe' kemm fl-inhawi ta' Bormla, kif ukoll fl-inhawi tal-Imsida, volontarjament kisru l- bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta;

**Reno Azzopardi, Carmelo Cutajar, u Jesmond Haidon wahidihom**:

Nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tal-1030 ta' filghaxija, filwaqt li kienu fir-residenza li tinsab fil-fond Flat numru 4, St George's House, Triq il-Bacir, gewwa l-Imsida, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat sabiex jarresta lill-hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw il-persuna ta' Rrichard sive Rakela Spiteri, mill-Belt Valletta, kontra l-volonta' taghha, jew taw il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata waqt liema delitt heddewha li joqtluha jew jaghmlulha offiza fuq il-persuna taghha, u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga, u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, hebbew kontra l-persuna ta' Richard sive Rakela Spiteri, mill-Belt Valletta, sabiex jinguraw, jew jaghmlu hsara lill-istess u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijie ta' Malta;

U aktar talli **Reno Azzopardi wahdu**, fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna (barra minn omicidju nvolontarju jew offiza fuq il-persuna nvolontarja) jew delitt ta' serq jew ta' hsara lill-proprjeta' (barra minn hsara nvolontarja lill-proprjeta'), kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Rita Agius mill-Kalkara, u lil Richard Spiteri mill-Belt Valletta, permezz ta' arma regolari;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess arma regolari, cioe' senter, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli nhar id-29 ta' Ottubru, 2010 , ghall-habta tal-1030 ta' filghaxija, filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond Flat numru 4, St George's House, Triq il-Bacir, l-Imsida, ikkometta serq ta' mobile phone tad-ditta Nokia, mudell 3220 u bin-numru tas-serje 351860/01/898496/50530839, ghad-dannu ta' Richard Spiteri mill-Imsida, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin, u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 262, 269(g), u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli filwaqt li kien qed jinzamm gewwa l-Ghassa tal-Imsida, u kien sejjer jigi eskortat lejn il-Lock-Up , harab mill-Kustodja tal-Pulizija;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, filwaqt li kien gewwa l-Ghassa tal-Imsida, ma obdnix l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixkel waqt li l-pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

U aktar tall sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;'

U aktar talli **Jesmond Haidon wahdu** nhar id-29 ta' Ottubru, 2010, ghall-habta tal-1030 ta' filghaxija, filwaqt li kien fir-residenza li tinsab fil-fond flat numru 4, St George's House, Triq il-Bacir, l-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe' ghamara li kienet tinsab fl-istess fond, ghad-dannu ta' Richard Spiteri, u persuni ohra, liema hsara teccedi €116.47 izda ma teccedix €1,164.69 u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ***Omissis*** **wahidha** talli saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Barra minn hekk talli kisret diversi ordnijiet ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fid-9 ta' Gunju, 2009; mill-Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fis-6 ta' Novembru, 2009; mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fit-12 ta' Frar, 2010; mill-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema zewg sentenzi nghataw fit-12 ta' Marzu, 2010; mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fis-7 ta' Ottubru, 2009;

U aktar talli **Carmelo Cutajar wahdu** talli kiser Ordni ta' Probation moghtija mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fis-26 ta' Novembru, 2009.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti sabet htija fil-konfront fil-konfront ta' **RENO AZZPARDI, CARMELO CUTAJAR, JESMOND HAIDON U *Omissis*** u dan wara li rat l-Artikoli 18, 86, 87, 251(1), 339(1) (e), 338(dd) - ikoll tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, b'dan pero illi qieset ir-reat kontravenzzjonali mahsub fl-Artikolu 339(1) (e) bhala kompriz u nvolut fir-reat principali mahsub fl-Artikolu 251;

Tilliberathom pero mill-kontravenzjoni mahsuba fl-Artikolu 338(bb) ghax ma tirrizultax; daqstant tilliberahom mill-effetti tal-Artikolu 251B(1)(2) stante li hawn si tratta ta' reati dwar l-imgieba ta' persuna, imgieba li fil-gurisprudenza taghna giet interpretata li timplika *"a course of conduct"*. Ghalkemm jidher li l-agir tal-imputati lejn Agius u Spiteri kien identiku, pero l-*course of conduct* irid ikun dirett lejn l-istess persuna biex jigi kostitwit dan ir-reat. Dan mhux il-kaz in ezami. Jinhtieg li din l-imgieba maghmula matul iz-zmien tkun kreat u nduciet biza' ta' uzu ta' vjolenza lejn persuna specifika, anke jekk aktar minn wahda. Huma fil-fatt hatja ta' offizi kontinwati ghaliex ippersistew fl-istess offiza, anke f'qasir zmien, anke jekk diretti lejn persuni diversi.

Sabet ukoll htija fil-konfront ta' **RENO AZZOPARDI** ta' recidiva; sabet ukoll htija fil-konfront tal-istess **RENO AZZOPARDI** ghax temmen ix-xhieda ta' Agius u Spiteri ghall-akkuzi mahsuba fil-konfront tal-arma, u dana wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 5(1), 51(2), 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabet lil **RENO AZZOPARDI** hati wkoll ta' serq ta' cellulari, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 269, 270, 275, 277 ilkoll tal-Kapitolu 9 Tal Ligijiet ta' Malta.

Sabet ukoll htija fil-konfront ta' **JESMOND HAIDON** fejn si tratta ta' danni kkagunati fl-appartament ta' Spiteri, u dan wara li rat l-Artikolu 325 tal-imsemmi Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll htija fil-konfront ta' ***Omissis*** fil-konfront tal-addebitu tar-recidiva wara li rat l-Artikoli 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma giet esebita lilha ebda sentenza fil-konfront ta' Carmelo Galea ghalhekk illiberatu mill-effetti ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat ukoll l-fedini penali esebiti, rat ukoll is-social inquiry reports redatti kif mitluba mid-Difiza, semghet it-trattazzjonijiet fejn saru, u anke wara li rat l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lil **Reno Azzopardi** ghal piena karcerarja effettiva ta' erba' snin (4), lil **Carmelo Cutajar** ghal piena karcerarja effettiva ta' ghoxrin (20) xahar, lil **Jesmond Haidon** ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn (2) u lil ***Omissis*** ghal piena karcerarja effettiva ta'

sentejn (2).

Ikkundannathom ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' erba' mija u disgha u sebghin Ewro u tminn centezmi (€479.08) fi kwoti ndaqs ammontanti ghal mija u dsatax-il Ewro u sebgha u sebghin centezmu (€119.77), u dan wara l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tippreciza hawn nil-Qorti li ma haditx in konsiderazzjoni l-ispejjez nkorsi mill-esperti ballistici n kwantu l-iskartocc jidher li nstab ghand Carmelo Galea.

Qieghda tipprojbixxi wkoll illi kull wiehed mill-hatja jkollhom licenzji biex izommu jew igorru kwalunkwe arma, ghal dejjem.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appell ta' Reno Azzopardi, Carmelo Cutajar u Jesmond Haidon, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Gunju, 2015, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tvarja s-sentenza appellata fis-sene li tikkonfermaha in kwantu din illiberat lill-imputati mill-effetti tal-Artikolu 251B(1)(2), u jidher li lliberat lil Carmelo Cutajar (mhux Carmelo Galea) mill-akkuza tal-ksur tal-provation ta' sentenza tas-26 ta' Novembru, 2009 u allura illiberathom mill-akkuzi relattivi, kif ukoll inkwantu hija sabet lill-espoenneti hatja tal-ksur tal-paci pubbliku, kif ukoll in kwantu sabet lil Reno Azzopardi hati ta' serq tal-mobile cellulari; izda timmodifika billi b'mod specifiku tillibera lil Reno Azzopardi mill-akkuzi li harab mill-kustodja tal-pulizija u li m'obdiex l-ordnijiet tal-Pulizija; oltre li tirrevokaha in kwantu din sabet lill-esponenti hatja tar-rimanenti imputazzjonijet, u kkundannathom ghall-pieni ta' habs effettivi u dan billi tilliberahom mill-imsemmija akkuzi. Tibqa' impregudikata l-posizzjoni tal-imputata l-ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Reno Azzopardi, Carmelo Cutajar u Jesmond Haidon li huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-akkuzi fil-konfront tal-imputati kollha.

Dawn kienu l-ewwel sitt akkuzi, pero' l-Qorti illiberat lill-imputati mit-tielet imputazzjoni li kkagonaw biza' peress li ma rrizultatx "course of conduct u mill-

hames imputazzjoni ta' kliem oxxen u indecenti peress li ma rrizultatx. L-ohrajn huma l-ewwel akkuza s-sekwestru ta Rita Agius bi-uzu tat-theddid. It-tieni akkuza li uzaw vjolenza fuq Rita Agius biex taghmel jew ma taghmilx xi haga, ir-raba' akkuza li ingurjaw jew heddew ta' Rita Agius, u s-sitt akkuza li kisru l-bon ordni.

L-Ewwel Qorti tirravviza li hija kienet qed tezamina dawn l-akkuzi kemm fl-incident li kien jinvolvi lil Rita Agius u kemm fl-incident li kien jinvolvi lil Richard Spiteri.

Illi dawn l-akkuzi necessarjament jirrivolvu dwar kemm hu minnu li l-imputati kellhom maghhom senter. Ghaz-zewg incidenti mertu ta' dan il-kaz, Spiteri ma kienitx prezenti ghall-incident ta' Agius, u Agius ma kinitx prezenti ghall-incident ta Spiteri, imma bhala "vittmi", dawn ma gewx arrestati u allura kellhom kull opportunita jiddiskutu xi gralhom jew x'se jixhdu li gralhom. Allajbierek fil-waqt li l-imputati interrogati separatemant u a tempo vergine u minghajr ma uzufruwew mid-dritt li ikellmu avukat kollha qablu li mhux veru xi hadd minnhom kellu senter, il-pulizija ma sabu ebda senter, il-gar Vince Brincat gie fug il-post u ma ra ebda senter, l-Ewwel Qorti xorta accettat il-verzjoni tal-"vittmi" li wiehed mill-imputati kellu seter u gew mhedda bih. Jidher li l-Ewwel Qorti ma nnotatx lil "vittmi" gew mistoqsija haga wahda biss biex tigi verifikata din l-allegazzjoni tas senter, u cioe' gew mistoqsija x'kulur kien: Agius, li tghid li tul il-vjagg fil-karozza s-senter kien f'nofs il-karozza, qalet l-kulur tieghu kien normali, a allura iswed, mentri Raquela Spiteri, li tghid li qattghet hin bis-senter ma' wiccha, tghid li s-senter kien minn lewn id-deheb! Agius tghid li Azzopardi kien qed isuq u fl-istess hin jheddidha li jekk ticcaqlaq jisparalha; pero' s-senter kien wahdu f'nofs il-karozza. Tghid li fehmet li jekk tahrab jisparawiha: allura ma setghetx tahrab bis-senter b'kollox?

Spiteri tghid li wara certu hin got-flat taghha, Azzopardi qal lil Haidon biex imur igib is-senter — allura sadanittant is-senter fejn baqa'? L-anqas issa Agius ma thajret "tahrab" bih b'kollox?

Donna kliem il-"vittmi" ttiehed bhata Vangelu indubitabbli, u minkejja li kollox juri li kienu qed jigdbu, il-verzjoni taghhom dwar dan giet emmnuta.

Illi b'kull rispett, mhux biss l-ahjar prova - s-senter innifsu - ma tressqitx, imma l-anqas ix-xhieda newtrali (il-pulizija u l-gar) ma raw xamma ta din l-arma.

Gialadarba l-imputazzjoni tat-theddid fiz-zewg kazijiet kienu jinkwadraw f'theddida li "jisparawihom," l-imputazzjonijiet tat-theddid u li l-"vittmi" gew sfurzati jaghmlu xi haga kontra l-volonta' taghhom jigu mhux pruvati. Jidher li huwa minnu li kien hemm ksur tal-paci pubbliku, u huwa minnu li l-imputati gabu ruhhom b'mod li holqu bizgha kemm f' Rita Agius kif ukoli f'Raquela Spiteri (ghalkemm ghal okkazjoni wahda biss), pero' gialadarba ma tirrizultax l-akkuza li sar theddid li serji sparawlhom, ma tirrizulta ebda forza ohra li gieghlet lil Agius u Spiteri jaghmlu dak li ma riedux jaghmlu, ghajr ghail-bizgha. Ghaihekk anke l-akkuza tas-sekwestru tigi mhux pruvata.

2. Illi t-tieni aggravju jirrigwarda t-tliet akkuzi sussegwenti li jirreferu ghas-sekwestru ta Richard Spiteri, li giet imgieghla taghmel xi haga li ma tridx u li hebbew ghaliha. Ghal dak li jirrigwarda s-sekwestru, kif inghad kollox juri li mhux veru kien hemm senter involut u ghaihekk Spiteri ammettiet is-serq kontra l-volontà taghha (ghax din kienet il-haga li ghamlet kontra l-volontà taghha!) aktar minhabba bizgha li ser jigrilha xi haga, aktar milli ghax giet mhedda bil-mewt jew intuzat vjolenza kontra taghha. Anqas ma rrizultat ebda forma ta gerha, anqas girfa jew tbengila, biex issahhah l-allegazzjoni li dawn it-tlieta hebbew ghaliha. Ghalhekk dawn it-tliet akkuzi ma jirrizutlawx. Aghar minn hekk, dawn it-tliet akkuzi jirreferu ghall-incident li sehh fil-flat ta Richard sive Raquela Spiteri meta huwa pacifiku (anke skond ix-xhieda tal-istess Spiteri) li Cutajar ma telax fil-flat ta Spiteri, u allura iktar u iktar Carmelo Cutajar kellu jigi liberat minn dawn it-tliet akkuzi.

3. Illi t-tieiet aggravju jirrigwarda l-ewwel tliet imputazzjonijet fil-konfront ta Reno Azzopardi wahdu, u cioe' li kellu fuqu arma tan-nar, li uzaha biex jhedded bil-mewt u li kellu arma minghajr licenzja tal-pulizija. Mingahjr htiega ta repetizzjoni ta' dak li intqal qabel, ix-xhieda newtrali ma raw ebda arma, l-imputati kollha cahdu separatament li kien hemm arma, u l-"vittmi" kkontradixxew lil xulxin dwar dan. Ghalhekk Reno Azzopardi ghandu jigi liberat minn dawn it-tliet imputazzjonijiet. Dwar ir-raba' imputazzjoni ta' serq ta' cellulari, ghalkemm Reno Azzopardi qal fl-istqarrija li ha l-mobile minn ghand Spiteni biex ma ccempiix lill-pulizija u bil-fixla baqa' ghandu, dan xorta jghodd bhala reat kommess.

4. Illi r-raba' aggravj u jirrigwarda z-zewg imputazzjonijiet sussegwenti kontra Reno Azzopandi wahdu, u cioe li harab mill-kustodja tal-pulizija u li m'obdiex l-ordnijiet tal-pulizija. Provi dwar dan ma ngiebu xejn. pero' l-Qorti f's-sentenza taghha li ssibu hati taghhom u l-anqas tilliberah minn tali imputazzjonijiet. Reno Azzopardi ghandu certament jigi liberat minn tali imputazzjonijiet.

5. Illi l-hames aggravju jirigwarda s-sejbien ta htija da parti ta Jesmond Haidon li kkaguna hsara li taqa' taht l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali. Fl-ewwel lok jinghad li l-imputazzjoni kienet harget li l-hsara kienet bejn €116.47 u €1,164.69, mentri l-unika "prova" li ngiebet kienet ix-xhieda ta' Richard Spiteri li qalet li saritilha xi hsara li li kwalunkwe kaz kienet inqas minn €100, u allura l-akkuza ma tirrizultax kif dedotta. Fit-tieni lok il-Qorti tal-Prim' Istanza specifikatx liema hsara kienet qed tirreferi ghaliha minn dawk elenkati fi-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali. U fit-tliet lok ghandha tinqara' x-xhieda ta' Richard Spiteri fejn tghid li mhux proprja saritilha hsara imma bdew jigu mzersqa jew maqluba xi bicciet tal-ghamara. Kien biss meta sfurzata tindika kemm saritilha hsara li bl-addocc qalet li "inqas minn €100. Mhux biss ma ngiebet ebda prova ta' hsara, talli l-anqas biss gie speciflkat fiex saret din il-hsara. Ghall-esponent huwa ovvju li ghalkemm tqallbet xi ghamara ma saret ebda hsara, ghax kieku Spiteri kienet certament tghid li sabt tali oggett imkisser jew migruf. Ovvjament l-ahjar prova kienet tkun l-oggett danneggat, jew tal-inqas ritratt tieghu, imam m'ghandna xejn minn dan u ghalhekk Joseph Haidon bil-fors irid jigi liberat minn din l-imputazzjoni. L-Ewwel Qorti bhal tikkonvinci lilha nfisha li Haidon ghamel xi hsara u li sahansitra hebb ghal Spiteri ghaliex kellu d-demm ma idu; pero' dan l-argument huwa fallaci ghaliex Haidon spjega u bl-ebda mod ma gie kontradett li huwa sabbat idu mal-bieb meta kien diehel u qata' idu. Dan la jwassal ghal prova li saret hsara u l-anqas ghal li wegga in Spiteri.

6. Illi s-sitt aggravju huwa assolutament bla pregudizzju ghall-aggravji kollha precedenti, u jirrigwarda l-piena. Dato ma non concesso li l-imputati huma hatja ta dak kollu li nstabu hatja tieghu mill-Ewwel Qorti, il-pieni inflitti huma wisq severi fil-kuntest ta' dak li gara. Kieku l-istorja grat verament kif irrakkuntaw Agius u Spiteri, xorta jkollna sitwazzjoni li ma timmeritax li l-esponenti jigu kkastigati bdan

il-mod hekk sever. Kieku niehdu l-verzjoni tai-"vittmi', l-imputati geghlu lil Agius tigi fil-karozza maghhom biex turihom fejn toqghod Spiteri — la darba dawn waslu ghand Spiteri, Agius telqet mill-karozza bla problemi ta xejn, anzi baqghet sejra dritt ghand il-pulizija. Mill-banda l-obra Spiteri giet imgieghela biss tammetti li serqet ic-choker u li tipprometti li tirritornah, kif wara kollox kellha d-dover taghmel. Wiehed ma jistax jinsa li dak li agixxa tal-kap tal-banda, Carmelo Galea, kellu l-gudizzju tieghu separat u gie ikkundannat biss sentejn prigunerija sospiza. Meta tqis li dan l-incident inholoq fuq provokazzjoni grassa da parti tal-"vittmi', u meta tqis li l-esponenti b'li ghamlu ma kienu ser jiehdu xejn ghabihom imma biss igibu lura c-choker ta' sehibhom Carmelo Galea, ghaliex m'ghandhomx huma wkobl jibbenefikaw mimi sentenza sospiza u probation?

Ikkunsidrat;

Illi il-lanjanza ventilata mill-appellanti hija diretta lejn l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li kien hemm fl-atti billi jinsistu illi huma fl-ebda hin ma heddew lil Rita Agius b'senter kif allegat. Jishqu illi l-Ewwel Qorti tat verosmiljanza lix-xhieda ta' Rita Agius u Richard/Raquela Spiteri meta dawn setghu facilment jiddiskutu dak illi kellhom ighidu fix-xhieda taghhom fil-Qorti billi bhala vittmi ma kenux soggetti ghall-arrest u allura setghu jikkomunikaw ma'xulxin. Illi jinsistu illi ma huwiex minnu dak li allegaw dawn it-tnejn minn nies dwar il-pussess tas-senter waqt il-kummissjoni tar-reat billi huma mal-ewwel *a tempo vergine* cahhdu illi kien sar uzu minn senter ghal skop ta' theddid, oltre il-fatt illi dan is-senter baqa' qatt ma instab mill-pulizija, iz-zewg vittmi taw deskrizzjoni differenti tas-senter li allegatament intuza mill-akkuzati u sahansitra ix-xhud okulari u indipendenti minn din il-vicenda sahaq illi fl-ebda mument ma ra senter fl-appartament ta' Richard/Raquela Spiteri meta ittawwal biex jara x'kien qed jigri. Gjaldarba allura, fil-fehma ta'l-appellanti, tonqos din l-ahjar prova, kwindi l-akkuzi kollha jaqghu billi l-allegat theddida li ser jisparawlhom seta' isir biss permezz ta' senter li baqa' qatt ma instab. Illi allura anke l-akkuza li tikkoncerna lill-appellanti Reno Azzopardi

dwar il-pussess ta' arma tan-nar fil-hin tal-kummissjoni ta' reat minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ma tistax tregi. Illi imbaghad it-tieni lanjanza hija diretta biss lejn l-appellanti Carmelo Cutajar, izda fid-dawl tal-fatt illi l-imsemmi Cutajar miet fil-mori ta' dan l-appell il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-istess.

Illi jilmenta l-appellanti Azzopardi ukoll illi jonqos decizjoni mill-Ewwel Qorti dwar l-akkuzi li kienu jirreferu ghall-harba tieghu mill-kustodja tal-pulizija u li huwa ma obdiex l-ordnijiet legittmi ta'l-istess, u fi kwalunkwe kaz provi fir-rigward ma ingiebux mill-Prosekuzzjoni. Fis-seba' aggravvju l-appellanti jikkontestaw is-sejbien ta' htija fil-konfront ta' Jesmond Haidon ghar-rigward ta'l-akkuza tal-hsara volontarja ai termini ta'l-artikolu 325 tal-Kap.9 billi anke hawnhekk il-provi kienu mankanti b'nuqqas ta' indikazzjoni cara dwar il-hsara allegatament ikkagjonata. Finalment l-appellanti jilmentaw illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront taghhom kienet wahda harxa u eccessiva iktar u iktar meta wiehed iqies illi l-ko-awtur maghhom fil-kummissjoni tar-reat, u li l-gudizzju tieghu ghadda in gudikat, wehel sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija.

Illi qabel ma din il-Qorti tinoltra ruhha f'ezami *serjatim* tal-lanjanzi ventilati mill-appellanti, terga' tishaq illi kif gie ribadit diversi drabi minn dawn il-qrati, qorti ta' revizjoni qajla iccaqlaq l-apprezzament li ikun sar mill-Ewwel Qorti tal-provi mismugha u migbura minnha u dan ghaliex dik il-qorti kellha okkazzjoni ahjar tezamina dawk il-provi b'mod specjali il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana, haga li sfortunatament din il-Qorti ma kellhiex il-privilegg li tara. Illi allura l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa dak illi taghmel apprezzament approfondit ta'l-atti probatorji sabiex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 6/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

Issa l-akkuza ewlenija diretta kontra l-appellanti hija marbuta mar-reat tas-sekwestru tal-persuna bl-aggravanti ikkontemplat fl-artikolu 87(1)(c) fejn l-allegat vittma ikun gie mhedded bil-mewt. Illi mill-atti probatorji ghandu johrog, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata, illi dan l-kaz jista' jinqasam f'zewg episodji separati fejn f'tal-ewwel isehh l-allegat sekwestru ta' certu Rita Agius f'vettura sabiex din giet imgieghla bil-forza takkompanja lill-akkuzati ghand Richard maghruf bhala Raquela Spiteri u imbaghad l-incident li jsehh fl-appartament ta' din Spiteri.

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi dan l-event kriminuz sehh wara illi kien insteraq *choker* tad-deheb appartenenti lil certu Carmelo Galea minn Agius u Spiteri waqt li dawn kienu qed joffrulu servizzi sesswali, ghal liema serqa dawn it-tnejn minn nies diga gew ipprocessati. Jidher illi l-akkuzati f'din il-procedura, allura, irrinfaccjaw lil Agius b'dan il-fatt fejn din infurmathom illi c-*choker* kien ittiehed minn Spiteri u ma kienx fil-pussess taghha. Dawn ta'l-ahhar allura forzatament gieghlu lil Agius ta'l-ewwel tghaddhielhom in-numru tat-telefon ta' Spiteri u imbaghad gieghluha takkompanjhom fir-residenza ta'l-istess Spiteri. Issa Agius tirrakkonta kif hi giet mhedda minn dawn in-nies u cioe' minn Reno Azzopardi u Carmelo Galea li kienu akkompanjati minn Joanne Ellul, Haidon u Cutajar, il-ko-akkuzati l-ohra, li gieghluha tirkeb maghhom fil-vettura u takkompanjahom ghal ghand Spiteri. Din tirrakonta kif fil-vettura kien hemm senter ikkargat lejha fejn tindika illi Azzopardi anke heddidha li jekk ticcaqalaq jisparalha. Tghid li l-vettura ghalkemm misjuqa minn Azzopardi, izda kienet tappartjeni lil Joanna Ellul. Wara li wasslu ghand Spiteri, nizzlu kollha mill-vettura ghajr ghal Ellul u Cutajar li baqghu ghassa maghha. Jirrizulta izda illi meta spiccat wahedha ma' Ellul u Cutajar din harrbet u marret l-ghassa tal-pulizija. Sadanittant it-tlieta l-ohra u cioe' l-appellanti Haidon u Azzopardi flimkien ma' Carmelo Galea telghu fl-appartament ta' Spiteri fejn hemmhekk heddew lil Spiteri, Azzopardi bis-senter filwaqt li Galea uza vjolenza fuqha billi qabadha minn xagharha. Haidon minn naha tieghu ukoll kien aggressiv u

beda jaghti fuq l-ghamara. F'hin minnhom izda nizel il-gar certu Brincat biex iwaqqafhom u wara ftit gew il-pulizija..

Issa jirrizulta illi l-appellanti gieghlu lil Agius tidhol fil-vettura ta' Ellul sabiex tehodhom ghand Richard/Raquela Spiteri, u ghalkemm huma ighidu illi dan sar b'mod volontarju minn Agius, dan jirrizulta kemmxejn inverosimili meta jidher illi l-akkuzati ikkonfrontawha dwar is-serqa tac-*choker* u bdew jakkuzawha bl-istess. Huwa inverosimili illi dan sar bil-galbu kif donnhom qed jipprospettaw l-akkuzati. Illi din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, ma ghandhiex dubbju allura mill-verzjoni ta' Agius illi din giet imgieghla u mhedda tirritorna dan ic-*choker*. Fuq kollox din kienet l-intenzjoni tal-ko-awturi ta' dan ir-reat meta avvicinaw lil Agius u cioe' illi akkost ta' kollox igibu dan ic-*choker* li insteraq lil Galea lura ghand sidu. Issa biex jissussisti r-reat tas-sekwestru tal-persuna huwa bizzejjed illi tirrizulta xi wahda mic-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 86 u cioe' jew l-arrest, jew iz-zamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volonta taghha. Illi fuq ir-reat in dizamina inghad:

"***Ghandu jigi osservat li ghall-fini tar-reat in dizamina huwa bizzejjed, biex jikkonfigura dana d-delitt, li persuna tigi jew arrestata jew mizmuna jew issekwestrata kontra l-volonta` taghha u minghajr ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti.***[2]"

"'***Illi l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid:- "the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) ...Thus a person may be arrested without being***

[2] Il-Pul vs Chrisopher Ellul - App.Inf. 07/05/2001

***incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."'***[3]

Issa huwa indubitat illi l-appellanti kollha kienu kompartecipi fil-kumissjoni ta' dan ir-reat. Dan ghaliex jirrizulta inkontestat illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali ta' dawn in-nies fl-att konsumatur tar-reat u dan fil-konfront ta' Rita Agius. Illi l-appellanti jsostnu illi l-uzu tas-senter sabiex sehh it-theddid, li wassal allura sabiex l-akkuza dwar is-sekwestru tal-persuna jigi imputat lilhom bl-aggravanti ravvizata fl-artikolu 87(1)(c), ma huwiex ippruvat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja difensjonali. Ibda biex Carmelo Galea li kien l-ko-awtur fil-kummissjoni tar-reat, meta interrogat mill-pulizija *a tempo vergine* jikkonferma illi fil-vettura fil-fatt kien hemm dan is-senter, senter li hu jiddeskrivi bhala twil madwar nofs metru u kulur l-irham[4]. Rita Agius tkompli tirriafferma dan il-fatt meta tishaq illi fil-vettura kien hemm senter tal-kacca u li meta Azzopardi u shabu nizzlu mill-vettura haduh maghhom. Richard jew ahjar Raquela Spiteri tafferma illi dan is-senter gie ippuntat lejn wiccha u giet mhedda bih u dan bl-iskop illi hi tigi imgieghla tirritorna ic-*choker* lil gie misruq minnha. Tghid li s-senter kien twil madwar metru u kien senter b'kulur id-deheb, minn dak li tiftakar. Di piu ma'l-arrest ta' Carmelo Galea jinsab skartocc fil-but tax-xorts tieghu. Allura, meta rinfaccjata b'dawn il-provi diretti u indizzjarji, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi dan is-senter intuza fil-kummissjoni tar-reati li gew addebitati lill-appellanti. Kwindi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tarax illi ghandha tiddisturba il-gudizzju ta'l-Ewwel Qorti meta hija sabet ir-reita' fl-appellanti mhux biss ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 86 bl-aggravanti ravvizat fl-artikolu 87(1)(c), izda ukoll ghar-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 251(1) u l-akkuzi kontravvenzjonali mahsuba fl-artikoli 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap.9. Ghalhekk l-ewwel zewg aggravvji qed jigu rigettati.

Illi stabbilit allura illi l-verzjoni kemm ta' Rita Agius kif ukoll ta' Richard/Raquela

---

[3] Il-Pul vs – Mohamed Elbozidi – 19/02/2004 App.Inf.

[4] Ara stqarrija a fol.65

Spiteri qed tigi emmnuta, kwindi it-tielet aggravvju ukoll qed jigi michud billi huwa indubitat illi Azzopardi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar filwaqt tal-kummisjoni tar-reat u li sar it-theddid bl-istess arma.

L-appellanti Azzopardi ukoll jilmenta illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tghaddi gudizzju fuq zewg reati addebitati lilu fl-akkuza u cioe' dik tal-harba mill-kustodja tal-pulizija u l-akkuza kontravvenzjonali illi huwa ma obdiex l-ordnijiet moghtija lilu mill-pulizija. Illi huwa minnu illi l-Ewwel Qorti ma issemmi xejn dwar dawn l-imputazzjonijiet fid-decizjoni taghha izda minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali ghandu johrog illi l-artikoli tal-ligi li jitkellmu dwar dawn ir-reati ma gewx indikati. Billi allura l-Ewwel Qorti kienet marbuta, meta tigi ghad-decizjoni taghha, ghal dawk r-reati indikati mill-Avukat Generali fl-imsemmija nota ta' rinviju, liema nota hija ekwiparata mal-att ta'l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali, kwindi l-Ewwel Qorti setghet tghaddi ghal gudizzju taghha fuq dawk ir-reati hemmhekk indikati u xejn izjed. Illi fil-fatt a fol.6 tad-decizjoni impunjata l-Ewwel Qorti elenkat dawk ir-reati li kellha tghaddi gudizzju dwarhom skont in-nota tar-rinviju ghal gudizzju, fejn allura l-artikoli 151 u 338(ee) tal-Kodici Kriminali ma gewx indikati. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment.

Il-hames aggravvju huwa limitat ghas-sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellanti Haidon ghar-reat tal-hsara volontarja kif mahsub fl-artikolu 325(1) tal-Kap.9. Dan ghaliex, jishaq l-appellanti, ma hemmx prova dwar il-hsara ikkagjonata. Illi hawnhekk il-Qorti tqies illi l-appellanti ghandu ragun. Ibda biex mir-rapport esebiet mill-espert tax-xena tar-reat PC122 Arthur Borg jirrizulta illi mir-ritratti mehuda u esebieti fir-rapport l-uniku hsara li setghet tigi riskontrata kienet ta' *ashtray* imkisser u tazza maqluba. Minn dawn ir-ritratti jidher ukoll xi ticpis tad-demm u ghalkemm jirrizulta illi Haidon fil-fatt kellu xi griehi f'idu, madanakollu l-ebda espert mediku ma stabbilixxa kif dawn setghu gew ikkagjonati u kwindi ma hemmx ness bejn id-demm misjub fl-appartament ta' Spiteri u l-feriti riskontrati fuq il-persuna ta'

Haidon, ghalkemm hu ighid li seta wegga' meta ta xi daqqiet fuq il-bieb u xi ghamara. Di piu' Spiteri stess tghid illi l-hsara li seta' kien hemm kienet wahda minima ta' inqas minn mitt ewro, izda ma iggib l-ebda prova la tal-oggetti li fihom sehhet l-allegata hsara, la tal-valur taghhom u wisq anqas jekk dawn kenux jappartjenu lilha billi jidher illi hi kienet qed tokkupa l-appartament taht titolu ta' kera. Illi imbaghad meta imsejjah biex jixhed is-sid tal-appartament certu George Cutajar, dan ighid illi hsara fl-appartament ma sabx meta acceda fih ftit tal-hin wara. Kwindi ma jistax jinghad illi din l-imputazzjoni giet sufficjentement ippruvata u allura Haidon ghandu jigi illiberat minnha.

Jifdal finalment biex jigi mistharreg l-ahhar gravam sollevat mill-appellanti dwar il-*quantum* tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Illi din il-Qorti indubbjament trid tiehu in konsiderazzjoni l-konkluzjonijiet minnha raggunta u dan fejn is-sentenza ta'l-ewwel Qorti ser tigi varjata, bl-appellanti Haidon li ser jigi illiberat mill-akkuza dwar il-hsara volontarja.

Issa r-reat tas-sekwestru tal-persuna bl-aggravanti ikkontemplat fl-artikolu 87 igorr mieghu piena ta' bejn it-tlettax-il xahar u it-tlett snin prigunerija, bir-reat mahsub fl-artikolu 251(1) allura jigi assorbit fir-reat ewlieni. Illi l-appellanti Reno Azzopardi instab hati ukoll li kien recidiv, izda ghal dawk ir-reati li jaqghu taht id-disposizzjonijiet ta'l-Kapitolu 480, il-Qorti tqies illi kellu japplika l-artikolu 17(h) tal-Kap.9 billi dan kien mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat tas-sekwestru bl-aggravanti, kif inghad. Illi fil-komputazzjni tal-piena li ghandha tigi inflitta fuq l-appellanti Azzopardi ghandu jittiehed qies ukoll tas-sejbien ta' htija ghar-reat tas-serq tac-cellulari u dan kif previst fid-disposizzjonijiet tal-ligi indikati mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata. Issa fit-termini ta'l-artikolu 275 tal-Kap.9 dan igorr piena ta' bejn sena u erba snin prigunerija li madanakollu bl-applikazzjoni ta'l-artikolu 277 dik il-piena ma tistax tinghata fil-minimum. Illi din il-Qorti ma tistax tinjora lanqas ix-xhieda ta' Noel Cassar, rapprezentant tal-Caritas, u d-dokumenti minnu esebieti minn fejn jirrizulta illi Azzopardi qieghed fit-triq tar-riforma u

kwindi ghandu jkun hemm lok ghal temperament fil-piena biex jirrifletti din ir-rieda tajba tieghu.

Maghdud dan allura, il-Qorti ser tghaddi biex tirriforma l-piena inflitta Reno Azzopardi billi tikkundannah piena karcerarja ta' erba u ghoxrin xahar minflok erba' snin u tirriforma ukoll l-piena inflitta fuq Jesmond Haidon billi tikkundannah ghal piena ta' hmistax-il xahar prigunerija minflok sentejn.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti fl-ewwel lok, stante il-mewt ta'l-appellanti Carmelo Cutajar fil-mori ta' dan l-appell, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-aggravvji imressqa minnu. Tghaddi imbaghad biex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn din sabet lill-appellanti Jesmond Haidon hati tar-reat tal-hsara volontarja kif kontemplat fl-artikolu 325 tal-Kap.9. u minflok tghaddi biex tilliberah minnha, tirriforma l-piena inflitta fuq l-appellanti billi tirriforma l-piena inflitta fuq Reno Azzopardi billi tikkundannah piena karcerarja ta' erba u ghoxrin xahar u tirriforma ukoll l-piena inflitta fuq Jesmond Haidon billi tikkundannah ghal piena ta' hmistax-il xahar prigunerija. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur